

# Skeda Speċjali

# Festa San Ġużepp 2026

## 30 Sena Miegħek (1996 – 2026)

## Leħen il-Komunità, fil-Qalb tal-Qalin

# L-Innu ta'
# Radju Leħen il-Qala

Ejjew, nifirħu, nisimgħu,
Dan ir-radju tal-Qalin.

Semmiegħa tant ħerqana
Isegwu l-programm tagħna
Kant u varjetà
Messaġġ għal kull età.

Semmiegħa bit-tislija
Iwasslu għalenija
Segwaċi regolari
Dar-Radju popolari.

***Qari:***

106.3 FM
Nistednuk biex tieħu sehem
Dil-frekwenza b'serjetà
Ħolma saret realtà.

***Rit:***

**Leħen il-Qala, ir-Radju tagħna**
**Armonija, ferħ kull ħin.**
**Leħen il-Qala, Leħen il-Qala**
**Dan ir-Radju żomm viċin.**

Ejjew, nifirħu, nisimgħu,
Dan ir-radju tal-Qalin.

Semmiegħa lkoll attenti
Bl-iskeda ferm kuntenti.
Tgħidx kemm jinstema' tajjeb
Serħan tal-moħħ u l-qalb.

Għall-kbar u għaċ-ċkejknin
Mal-familji miġburin.
Isibu minnufih
Il-paċi u l-mistrieħ.

***Qari:***

Hemm programm tassew varjat
Kollox isir b'volontarjat
Fil-preżent, fil-futur
Fl-internet issibna żgur.

***Rit:***

**Leħen il-Qala, ir-Radju tagħna**
**Armonija, ferħ kull ħin.**
**Leħen il-Qala, Leħen il-Qala**
**Dan ir-Radju żomm viċin.**

**Leħen il-Qala, ir-Radju tagħna**
**Armonija, ferħ kull ħin.**
**Leħen il-Qala, Leħen il-Qala**
**B'dan ir-Radju tant kburin.**

*Marlene Debono*

# SKEDA SPEĊJALI

## FESTA SAN ĠUŻEPP 2026

30 Sena Miegħek (1996 – 2026)

*Leħen il-Komunità, fil-Qalb tal-Qalin*

**Radju Leħen il-Qala**
24, Triq San Franġisk, Qala, Għawdex, QLA 1030

106.3 FM

Tel: 21 558 556 – SMS: 5061 2222

Websajt: www.radjulehenil-qala.com

Facebook: www.facebook.com/RLQ1063

Imejl għall-kuntatt mal-amministrazzjoni:
info@radjulehenil-qala.com

Imejl għall-kuntatt mal-preżentaturi:
request@radjulehenil-qala.com

# Skeda Speċjali Festa San Ġużepp 2026

## mis-Sibt 18 ta' Lulju sal-Ħadd 2 ta' Awwissu

- Din l-iskeda hija suġġetta għal tibdil li jista' jseħħ skont iċ-ċirkostanzi.
- Il-fehmiet espressi fi programmi li jixxandru fuq Radju Leħen il-Qala mhumiex neċessarjament dawk tal-amministrazzjoni.
- Il-programmi kollha jixxandru dirett fuq il-websajt **www.radjulehenil-qala.com.**
- Għamlu użu wkoll mis-servizz awdjoviżiv li hu offrut b'mod dirett 24/7 għall-attivitajiet kollha fi Pjazza San Ġużepp u l-funzjonijiet kollha fil-Knisja Arċipretali tal-Qala.
- Dawk is-semmiegħa li jirbħu xi voucher matul din l-iskeda huma ġentilment mitluba sabiex jiġbru l-voucher tagħhom mill-istudjows ta' Radju Leħen il-Qala mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-10.00am sa ġimgħa wara li jintrebaħ il-voucher.
- L-iskeda tar-Reċita tar-Rużarju Mqaddes hija kif indikat:
    - mit-Tnejn sal-Ħadd – 5.30am, 1.00pm, 10.00pm u 12.00am
- L-orarju tal-Quddies li jixxandar matul l-iskeda huwa kif indikat:
    - mit-Tnejn sas-Sibt – 7.00am, 7.00pm
    - il-Ħadd – 6.00am, 10.30am u fil-5.30pm
- Din l-iskeda saret b'imħabba u dedikazzjoni ta' bosta voluntiera ta' Radju Leħen il-Qala u l-familji tagħhom. Grazzi mill-qalb.
- Grazzi lilkom li bit-talb u l-ġenerożità tagħkom dejjem issostnuna.

Ritratti tal-Qoxra: Martin Attard

© *Kull dritt miżmum minn Radju Leħen il-Qala 2026*

# 30 Sena ta' Storja, Servizz u Volontarjat: Il-Ġublew tad-Djamanti ta' Radju Leħen il-Qala

Din is-sena, il-komunità tal-Qala qed tiċċelebra anniversarju mill-isbaħ. Radju Leħen il-Qala qed jagħlaq tletin sena mill-ewwel xandira uffiċjali tiegħu. Din il-kisba mhijiex biss tragward għall-istazzjon innifsu, iżda hija xhieda ħajja ta' xi jfisser l-impenn komunitarju u l-imħabba lejn raħal twelidna. Matul dawn it-tliet deċennji, ir-radju daħal fi djar dawk kollha li jħobbu l-Qala, kemm f'Għawdex, f'Malta, kif ukoll lil hinn minn xtutna.

Meta nħarsu lura lejn il-bidu nett, l-istorja ta' dan l-istazzjon hija waħda affaxxinanti. Radju Leħen il-Qala għandu l-unur u l-prestiġju li jkun l-ewwel stazzjon komunitarju f'Għawdex li kiseb liċenzja permanenti mill-Awtorità tax-Xandir. Dan kien pass ġgantesk li poġġa lil dan l-istazzjon fuq l-mappa tal-mezzi ta' komunikazzjoni lokali. Kollox beda b'mod umli ħafna, minn kamra żgħira u sempliċi li tinsab fuq is-sagristija tal-Knisja Arċipretali tagħna. Kien hemmhekk li nżergħet iż-żerriegħa ta' proġett li kellu jikber u jiffjorixxi sena wara l-oħra.

Matul is-snin, grazzi għal viżjoni ċara u determinazzjoni kbira, l-istazzjon għadda minn trasformazzjoni sħiħa. Dik il-kamra żgħira tal-bidu nbidlet fi studjows moderni, mgħammra bl-aqwa teknoloġija li ssib fid-dinja tax-xandir tal-lum. Fl-istess ħin, ir-radju ma baqax biss stazzjon li ssegwih biss minn fuq is-sett tar-radju. Permezz ta' investiment kontinwu, beda x-xandir awdjoviżiv b'mod kontinwu fuq l-internet. Din il-bidla teknoloġika kienet ta' faraġ u ferħ kbir għall-emigranti Qalin kollha mxerrdin madwar id-dinja, li issa setgħu mhux biss jisimgħu, iżda wkoll jaraw b'mod viżwali l-festi, il-funzjonijiet u l-ħajja ta' raħalhom direttament minn djarhom fl-Awstralja, l-Amerika jew l-Ewropa.

Wieħed mill-isbaħ u l-akbar mertu ta’ Radju Leħen il-Qala huwa l-ispazju li dejjem ta liż-żgħażagħ. Matul dawn it-tletin sena, għadd kbir ta’ tfal u żgħażagħ Qalin sabu f’dan l-istazzjon bieb miftuħ biex jesperjenzaw id-dinja tax-xandir. Hemmhekk tgħallmu jitkellmu, jippreżentaw, imexxu programmi u jużaw l-apparat tekniku. Għal ħafna minnhom, din l-esperjenza kienet skola tal-ħajja li bniethom bħala persuni u nstabet utli ħafna fil-futur tagħhom.

Li żżomm stazzjon jaħdem erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, għal tletin sena sħaħ, hija kważi miraklu. Dan il-vjaġġ twil u bla waqfien ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna kontinwa ta’ żewġ kolonni ewlenin: il-voluntiera numerużi li ddedikaw ħinhom b’xejn biex iwasslu l-aqwa programmi, u l-benefatturi numerużi Qalin. Kienet il-ġenerożità tal-poplu tal-Qala, kemm dawk f’Malta kif ukoll dawk barra minn pajjiżna, li mliet il-magna tar-radju bil-fjuwil finanzjarju u l-inkuraġġiment meħtieġ biex jibqa’ għaddej.

F’dan l-anniversarju speċjali, filwaqt li nħarsu b’sodisfazzjon u kburija lejn il-passat, irridu nħarsu wkoll b’fiduċja kbira lejn il-futur. Radju Leħen il-Qala mhuwiex biss stazzjon tar-radju; huwa l-qalb tħabbat tal-komunità tagħna u l-pont li jgħaqqadna flimkien bħala familja u komunità waħda, taħt il-ħarsien ta’ San Ġużepp u l-Immakulata Kunċizzjoni. F’dan it-30 sena anniversarju, nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk li waqqfu lil Radju Leħen il-Qala u li dawk li b’modi differenti sostnew u taw sehemhom matul is-snin biex dan il-leħen ikompli jidwi u jisaħħaħ, filwaqt li nittamaw f’aktar snin ta’ suċċess u servizz għar-raħal tagħna tal-Qala.

## IS-SIBT 18 TA' LULJU

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! live – Karl Buttigieg |
| 10.15am | Sirt Nafek Aħjar – Ivan Cefai |
| 11.15am | Sports is-Sibt - Adrian Vella |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | RadjuDramm – Il-Ġuri Tagħkom |
| 01.00pm | Rużarju |
| 01.30pm | Ġejja l-Banda – Matthew Cassar |
| 02.30pm | Stejjer Qosra, Irrakkontati mat-Temp tal-Mużika – Kenny Grima |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Siegħa Flimkien live - Josianne Cordina u Marlene Rapa |
| 04.30pm | 60 Minuta live – Alexandra Atzori u Melanie Grima |
| 05.30pm | Leħen il-Kelma – Melissa Buttigieg, Cathleen Cauchi u Mary Josette Sultana |
| 06.15pm | Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | Music Express – Ayrton Cremona |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĦADD 19 TA' LULJU

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.45am | Kliem u Ħajja – Suddjaku Dennis Mifsud |
| 07.30am | Qari ta' Stejjer – Mireya Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Għodwa ta' Festa live - Karl Buttigieg |
| 08.30am | Xandira diretta tal-Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Belt Victoria |
| 10.30am | Għodwa ta' Festa jkompli |
| 11.00am | Oriġini - Chelsi Cefai |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | RadjuDramm – Il-Ġuri Tagħkom |
| 01.00pm | Rużarju |
| 01.30pm | Only Country - Ivan Cefai |
| 02.30pm | Twemien u Drawwiet – Karmnu Portelli |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 04.30pm | L-Għalqa tiegħi – Armando Antonio Xerri |
| 05.00pm | Rużarju mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.15pm | Tagħna f'Tagħna – Charles Portelli |
| 07.15pm | Ilwien Mużikali – Marlene Debono |
| 08.15pm | Ripetizzjonijiet |

## IT-TNEJN 20 TA' LULJU

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Melanie Grima |
| 10.00am | Leħen il-Kunsill Lokali – Lelio Spiteri |
| 10.30am | Kif Tmiss il-Liġi – Hayley Xuereb |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | Memorji u Ġrajjiet – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Wilġa Biblika - Fr Charles Buttigieg |
| 02.30pm | Il-Qala matul iż-żminijiet - Maya Attard u Anne Marie Buttigieg |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Golden Oldies – Jesmond Cassar |
| 04.30pm | Mużika Flimkien – Marvic Cini u Chris Sultana |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Thomas Farrugia |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30pm | Ripetizzjonijiet |

## IT-TLIETA 21 TA' LULJU

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Il-Qala – X'Taħseb li tfisser? - Dr Raymond C Xerri |
| 11.00am | Leħen l-Għaqdiet Qalin – Karl Buttigieg |
| 11.30am | Memorji u Ġrajjiet – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Nitgħallmu minn San Ġużepp: L-Arti bħala Tieqa għall-Fidi - Fr Massimo Buttigieg |
| 02.30pm | Stejjer Qosra ma' Victor – Victor Grech |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Romantiċi – Josephine Xuereb |
| 04.30pm | Siegħa Flimkien – Jordan Cauchi u Jake Xuereb |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Agatha Vella |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30pm | Laqgħa ta' Talb quddiem Ġesù Ewkaristija mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30pm | Ripetizzjonijiet |

## L-ERBGĦA 22 TA' LULJU

### Is-Seba' Erbgħa ta' San Ġużepp u Jum il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Ivan Cefai |
| 10.00am | Protesti fil-Qala – Toni Mizzi |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | Memorji u Ġrajjiet – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Akatistos ta' San Ġużepp – Arċ. Edward Xuereb |
| 02.30pm | Tiżwiqa ta' stejjer b'messaġġ – Josette Mizzi |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | ItaloHits – Karl Buttigieg |
| 04.30pm | Thank you for the Music - Anneka Xerri |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Shaun Portelli |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tas-Seba' Erbgħa ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | *Kummentarju tal-Ħruġ tal-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa mill-Knisja Arċipretali u minn Pjazza San Ġużepp* |
| 08.30pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĦAMIS 23 TA' LULJU

### L-Ewwel Jum tan-Novena tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Melanie Grima |
| 10.00am | Il-Qalin fl-Awstralja - Michael Buttigieg |
| 11.00am | Leħen l-Għaqdiet Qalin – Karl Buttigieg |
| 11.30am | Memorji u Ġrajjiet – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Imorru għand Ġużeppi – Anglu Xuereb |
| 02.30pm | Stejjer Qosra ma' Victor – Victor Grech |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Mużika ta' Kull Żmien – Ivan Cefai |
| 04.30pm | Siltiet Maltin – Irene u Maria Scerri |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Doris Cutajar |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tal-Ewwel Jum tan-Novena mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĠIMGĦA 24 TA' LULJU

### It-Tieni Jum tan-Novena tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Melanie Grima |
| 10.00am | Leħen il-Kunsill Lokali – Lelio Spiteri |
| 10.30am | Kif Tmiss il-Liġi – Hayley Xuereb |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | Memorji u Ġrajjiet – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Lectio Divina - Fr Charles Buttigieg |
| 02.30pm | Il-Qala matul iż-żminijiet - Maya Attard u Anne Marie Buttigieg |
| 03.00pm | Golden Oldies – Jesmond Cassar |
| 04.00pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 05.00pm | Nirriflettu Ftit – Christabel Cutajar |
| 05.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 06.00pm | Konċelebrazzjoni bl-Ingliż tat-Tieni Jum tan-Novena mmexxija mill-E.T. Mons Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | *Uniting Cultures in Qala* mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30pm | Ripetizzjonijiet |

## IS-SIBT 25 TA' LULJU

### It-30 sena anniversarju ta' Radju Leħen il-Qala u t-Tielet Jum tan-Novena tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Fl-Għodwa tat-30 sena Anniversarju *live* – Karl Buttigieg |
| 10.15am | Sirt Nafek Aħjar – Ivan Cefai |
| 11.15am | 30 Sena Flimkien *live* |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | Sports is-Sibt - Adrian Vella |
| 01.00pm | Ġejja l-Banda – Matthew Cassar |
| 02.00pm | Stejjer Qosra, Irrakkontati mat-Temp tal-Mużika – Kenny Grima |
| 02.30pm | Siegħa Flimkien *live* - Josianne Cordina u Marlene Rapa |
| 03.30pm | 60 Minuta *live* – Alexandra Atzori u Melanie Grima |
| 04.30pm | Quddiesa taż-Żwieġ ta' Chantelle Mifsud u Godwin Mario Cefai mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30pm | Leħen il-Kelma – Melissa Buttigieg, Cathleen Cauchi u Mary Josette Sultana |
| 06.15pm | Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tat-Tielet Jum tan-Novena mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | Music Express – Ayrton Cremona |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĦADD 26 TA' LULJU

### Ir-Raba' Jum tan-Novena tal-Festa u Jum il-Kunċert 'Fr Rob live in Concert'

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.45am | Kliem u Ħajja – Suddjaku Dennis Mifsud |
| 07.30am | Qari ta' Stejjer – Mireya Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Għodwa ta' Festa *live* - Karl Buttigieg |
| 08.30am | Konċelebrazzjoni tar-Raba' Jum tan-Novena mmexxija minn Fr Rob Galea mill-Knisja Arċipretali |
| 09.15am | *Kummentarju tad-Dimostrazzjoni tat-tfal minn Pjazza San Ġużepp* |
| 10.00am | Oriġini - Chelsi Cefai |
| 11.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.00pm | Rużarju |
| 01.30pm | Only Country - Ivan Cefai |
| 02.30pm | Twemien u Drawwiet – Karmnu Portelli |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 04.30pm | L-Għalqa tiegħi – Armando Antonio Xerri |
| 05.00pm | Rużarju mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.15pm | Tagħna f'Tagħna – Charles Portelli |
| 07.15pm | Ilwien Mużikali – Marlene Debono |
| 08.00pm | **Xandira diretta tal-Kunċert *Fr Rob live in Concert* minn Pjazza San Ġużepp li jfakkar it-30 sena ta' xandir ta' Radju Leħen il-Qala (1996–2026)** |
| 11.30pm | Ripetizzjonijiet |

## IT-TNEJN 27 TA' LULJU

### Il-Ħames Jum tan-Novena tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Ružarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Leħen il-Kunsill Lokali – Lelio Spiteri |
| 10.30am | Kif Tmiss il-Liġi – Hayley Xuereb |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | #Ċemplilna *live* |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Ružarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Wilġa Biblika - Fr Charles Buttigieg |
| 02.30pm | Il-Qala matul iż-żminijiet - Maya Attard u Anne Marie Buttigieg |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Ružarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Golden Oldies – Jesmond Cassar |
| 04.30pm | Mużika Flimkien – Marvic Cini u Chris Sultana |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Thomas Farrugia |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Ružarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tal-Ħames Jum tan-Novena mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | Ripetizzjonijiet |

# IT-TLIETA 28 TA' LULJU

## Is-Sitt Jum tan-Novena tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Il-Qala – X'Taħseb li tfisser? - Dr Raymond C Xerri |
| 11.00am | Leħen l-Għaqdiet Qalin – Karl Buttigieg |
| 11.30am | #Ċemplilna *live* |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Nitgħallmu minn San Ġużepp: L-Arti bħala Tieqa għall-Fidi - Fr Massimo Buttigieg |
| 02.30pm | Stejjer Qosra ma' Victor – Victor Grech |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Romantiċi – Josephine Xuereb |
| 04.30pm | Siegħa Flimkien – Jordan Cauchi u Jake Xuereb |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Agatha Vella |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tas-Sitt Jum tan-Novena mill-Knisja Arċipretali |
| 08.00pm | Il-Qala – X'Taħseb li tfisser? rpt |
| 09.00pm | *Xandira diretta tal-Kunċert Mużikali imtella' mill-Banda Ite ad Joseph minn Pjazza San Ġużepp* |
| 10.30pm | Ripetizzjonijiet |

## L-ERBGĦA 29 TA' LULJU

### L-Ewwel Jum tat-Tridu Solenni tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Protesti fil-Qala – Toni Mizzi |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | #Ċemplilna *live* |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Akatistos ta' San Ġużepp – Arċ. Edward Xuereb |
| 02.30pm | Tiżwiqa ta' stejjer b'messaġġ – Josette Mizzi |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | ItaloHits – Karl Buttigieg |
| 04.30pm | Thank you for the Music - Anneka Xerri |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Shaun Portelli |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Kant tal-Għasar Solenni mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tal-Ewwel Jum tat-Tridu Solenni, Antifona u Barka Sagramentali mill-Knisja Arċipretali |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĦAMIS 30 TA' LULJU

### It-Tieni Jum tat-Tridu Solenni tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Il-Qalin fl-Awstralja - Michael Buttigieg |
| 11.00am | Leħen l-Għaqdiet Qalin – Karl Buttigieg |
| 11.30am | #Ċemplilna *live* |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Imorru għand Ġużeppi – Anglu Xuereb |
| 02.30pm | Stejjer Qosra ma' Victor – Victor Grech |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Mużika ta' Kull Żmien – Ivan Cefai |
| 04.30pm | Siltiet Maltin – Irene u Maria Scerri |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Doris Cutajar |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Kant tal-Għasar Solenni mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tat-Tieni Jum tat-Tridu Solenni, Antifona u Barka Sagramentali mill-Knisja Arċipretali |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |

## IL-ĠIMGĦA 31 TA' LULJU

### It-Tielet Jum tat-Tridu Solenni tal-Festa

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.00am | Leħen il-Kunsill Lokali – Lelio Spiteri |
| 10.30am | Kif Tmiss il-Liġi – Hayley Xuereb |
| 11.00am | OASI.com – Joseph Cutajar |
| 11.30am | #Ċemplilna *live* |
| 12.00pm | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja – Ivan Cefai |
| 12.30pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.15pm | Rużarju u Kurunella ta' San Ġużepp |
| 02.00pm | Lectio Divina - Fr Charles Buttigieg |
| 02.30pm | Il-Qala matul iż-żminijiet - Maya Attard u Anne Marie Buttigieg |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Golden Oldies – Jesmond Cassar |
| 04.30pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 05.30pm | Nirriflettu Ftit – Christabel Cutajar |
| 06.00pm | Kurunella ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 06.30pm | Kant tal-Għasar Solenni mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni tat-Tielet Jum tat-Tridu Solenni, Antifona u Barka Sagramentali mill-Knisja Arċipretali |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |
| 11.00pm | *Kummentarju tad-Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġużepp, tat-tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall, u tax-'show' 'Shades of Light' minn Pjazza San Ġużepp* |

# IS-SIBT 1 TA' AWWISSU

## Lejliet is-Solennità ta' San Ġużepp

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 06.30am | Kurunella ta' San Ġużepp u Ixtri Ġurnata |
| 07.00am | Quddiesa bit-talb tat-*Te Deum* f'għeluq in-Novena mill-Knisja Arċipretali |
| 07.30am | Ħrejjef u Leġġendi – Linda Buttigieg |
| 08.00am | Angelus u Ixtri Ġurnata |
| 08.05am | Qomna Jew?! *live* – Karl Buttigieg |
| 10.15am | Sirt Nafek Aħjar – Ivan Cefai |
| 11.15am | Sports is-Sibt - Adrian Vella |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | RadjuDramm – F'Baħar Wieħed |
| 01.00pm | Rużarju |
| 01.30pm | Ġejja l-Banda – Matthew Cassar |
| 03.00pm | Talba tat-Tlieta u Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30pm | Siegħa Flimkien *live* - Josianne Cordina u Marlene Rapa |
| 04.30pm | 60 Minuta *live* – Alexandra Atzori u Melanie Grima |
| 05.30pm | Kliem u Ħajja – Suddjaku Dennis Mifsud |
| 06.15pm | *Kummentarju tat-Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' San Ġużepp minn Pjazza San Ġużepp* |
| 07.00pm | Konċelebrazzjoni Solenni ta' Lejliet is-Solennità ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 09.00pm | Ripetizzjonijiet |
| 11.00pm | *Kummentarju tal-Marċ ta' Lejliet il-Festa u tal-wirja tal-Logħob tan-Nar tal-Art minn Pjazza San Ġużepp* |

# IL-ĦADD 2 TA' AWWISSU

## Jum is-Solennità ta' San Ġużepp

| | |
|---|---|
| 05.30am | Rużarju |
| 06.00am | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.45am | Kliem u Ħajja – Suddjaku Dennis Mifsud |
| 07.30am | L-Għodwa tal-Festa *live* - Karl Buttigieg |
| 09.00am | **Xandira diretta tal-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Parrokkjali mmexxija mill-E.T. Mons Isqof ta' Għawdex Anton Teuma** |
| 10.30am | Awgurju ta' Festa *live* – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus, Ixtri Ġurnata, Kurunella ta' San Ġużepp |
| 12.15pm | Ġrajjietna – L-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp tal-Qala – Josef Abela |
| 01.15pm | *Kummentarju tal-Marċ popolari u brijuż ta' filgħodu u tax-show tal-karti sinkronizata mal-mużika 'Symphony of Colours' minn Pjazza San Ġużepp* |
| 03.30pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 04.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp, Viżta lil Ġesù Sagramentat u Ixtri Ġurnata |
| 05.00pm | Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.00pm | Kant tat-Tieni Għasar tas-Solennità ta' San Ġużepp mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | ***Kummentarju tal-Ħruġ Solenni tal-Istatwa devota ta' San Ġużepp u tal-Purċissjoni, minn Pjazza San Ġużepp*** |
| 10.15pm | ***Kummentarju tad-Dħul Solenni tal-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp u tal-ispettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru, minn Pjazza San Ġużepp*** |
| 10.30pm | Antifona u Barka Sagramentali mill-Knisja Arċipretali |
| 11.00pm | Ripetizzjonijiet |

# L-Ilħna li Jagħmlu l-Leħen

Abela Josef
Attard Maya
Atzori Alexandra
Buttigieg Anne Marie
Buttigieg Fr Charles
Buttigieg Karl
Buttigieg Linda
Buttigieg Fr Massimo
Buttigieg Melissa
Buttigieg Michael
Buttigieg Mireya
Cassar Jesmond
Cassar Matthew
Cauchi Cathleen
Cauchi Jordan
Cefai Chelsi
Cefai Ivan
Cefai Jacqueline
Cefai John Paul
Cini Marvic
Cordina Josianne
Cremona Ayrton
Cutajar Christabel
Cutajar Doris
Cutajar Joseph
Debono Marlene
Farrugia Thomas
Grech Victor
Grima Kenny
Grima Melanie
Mifsud Suddjaku Dennis
Mizzi Josette
Mizzi Karmnu
Mizzi Toni
Portelli Karmnu
Portelli Charles
Portelli Shaun
Rapa Marlene
Scerri Irene
Scerri Maria
Spiteri Lelio
Sultana Chris
Sultana Mary Josette
Vella Adrian
Vella Agatha
Vella Fr Gabriel
Xerri Anneka
Xerri Armando Antonio
Xerri Dr Raymond C.
Xuereb Anglu
Xuereb Arċ. Edward
Xuereb Hayley
Xuereb Jake
Xuereb Josephine

# L-istorja tagħna...

**1996**

Radju Leħen il-Qala jingħata liċenzja permanenti u jibda jxandar minn kamra fuq is-sagristija fuq il-frekwenza 106.5FM, bl-ewwel skeda tiegħu tixxandar fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp ta' dik is-sena. Aktar tard, l-istazzjon ingħata frekwenza ġdida – 106.3FM.

**1999**

Għall-ewwel darba, Radju Leħen il-Qala beda jxandar fuq l-internet u b'hekk beda jasal ukoll fid-djar tal-emigranti Qalin madwar id-dinja.

**2001**

L-istudjows ta' Radju Leħen il-Qala ġew trasferiti għal post fejn illum hemm il-Każin tal-Banda fil-Pjazza, u b'hekk issaħħaħ ix-xandir dirett tal-attivitajiet li kienu jsiru fil-beraħ.

**2002**

Permezz tal-programm "L-Edukazzjoni ta' Uliedna", Radju Leħen il-Qala rebaħ il-premju mogħti mill-Awtorità tax-Xandir għall-aqwa programm edukattiv fost l-istazzjonijiet tar-radju nazzjonali u komunitarji.

**2003**

Radju Leħen il-Qala kiseb it-tielet post fil-premju "Il-Għarfien Nazzjonali – Żgħażagħ fis-Soċjetà 2003". Fl-istess sena, l-istudjows ta' Radju Leħen il-Qala ġew trasferiti lura għall-kamra fuq is-sagristija.

## 2004

L-istudjo ta' Radju Leħen il-Qala sab postu f'kamra fid-Dar Parrokkjali fi Triq San Franġisk. F'din is-sena, Radju Leħen il-Qala nieda wkoll l-ewwel sit elettroniku tiegħu: www.radjulehenil-qala.com.

## 2005

Beda x-xogħol fuq il-bini ta' studjows ġodda u permanenti għal Radju Leħen il-Qala fit-tieni sular tad-Dar Parrokkjali.

## 2007

Konxji mill-ispiża li kienet se tidħol għaliha l-Parroċċa, saret sejħa għall-ġbir ta' fondi. Fi ftit ġimgħat inġabret is-somma ta' €80,000, li kopriet fost oħrajn ix-xiri tal-apparat marbut mal-antenna kif ukoll l-apparat meħtieġ għaż-żewġ studjows il-ġodda.

## 2008

Fil-5 ta' Lulju beda x-xandir mill-istudjows il-ġodda, filwaqt li l-ftuħ uffiċjali tagħhom sar fis-27 ta' Lulju permezz ta' attività ta' inawgurazzjoni fi Triq San Franġisk.

## 2009

Radju Leħen il-Qala beda jittrasmetti wkoll b'mod viżiv, sabiex l-emigranti jkunu jistgħu jsegwu b'mod dirett dak li kien qed iseħħ fil-Pjazza tar-raħal u fil-Knisja Arċipretali.

## 2011

Radju Leħen il-Qala kompla jsaħħaħ il-kwalità tal-programmi tiegħu. Minbarra l-għexieren ta' voluntiera Qalin, ingħaqdu wkoll preżentaturi u personalitajiet magħrufa f'pajjiżna, biex b'hekk in-numru ta' voluntiera qabeż il-100 persuna. F'din is-sena ġie estiż ukoll is-servizz tal-live video streaming minn ġewwa s-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**2016**

Biex ifakkar l-20 sena mit-twaqqif tiegħu, Radju Leħen il-Qala nieda kompetizzjoni fost l-istudenti Qalin għall-isbaħ logo kommemorattiv ta' dan l-anniversarju. Saret ukoll serata kommemorattiva fil-Pjazza b'talent lokali.

**2021**

Minkejja li Malta kienet għaddejja mill-pandemija tal-COVID-19, Radju Leħen il-Qala ma qata' xejn mix-xandir tiegħu. Anzi, saħħaħ it-trasmissjonijiet tiegħu biex iwassal fid-djar il-funzjonijiet reliġjużi u l-attivitajiet kollha b'mod dirett, filwaqt li kompla jżid il-preżenza tiegħu fuq il-midja soċjali. Biex jitfakkar il-25 anniversarju, saret ġurnata ta' xandir speċjali u ġew prodotti għadd ta' programmi ma' diversi voluntiera li tul is-snin kienu parti mill-familja ta' dan l-istazzjon.

**2026**

Illum, 30 sena wara, bl-istess enerġija u entużjażmu li kellna tliet deċennji ilu, qed inkomplu nibnu fuq il-pedamenti b'saħħithom li bnew ta' qabilna, sabiex Radju Leħen il-Qala jkompli jiġġedded mal-avvanzi fit-teknoloġija u jkompli jwieġeb għall-aspettattivi tas-semmiegħa tiegħu.

Biex jitfakkar dan l-anniversarju, Radju Leħen il-Qala qed iniedi sett ta' jingles ġodda u qed jorganizza kunċert mużikali minn Fr Rob Galea, saċerdot, kantawtur u awtur Malti magħruf fuq livell internazzjonali.

Radju Leħen il-Qala
106.3 fm
www.radjulehenil-qala.com



*Sala fuq s-Sangristija – Lulju 1996 - Gunju 2001*
*Settembru 2003- Ġunju 2004*



*12, Pjazza San Ġużepp*
*Lulju 2001 - Awissu 2003*



*(Studjows Temporanji)*
*24, Triq San Franġisk*
*Lulju 2004 - Ġunju 2008*





*Studjows Permanenti*
*Lulju 2008 - Illum*


1996 - CELEBRATING **30 YEARS** OF RADJU LEĦEN IL-QALA - 2026
FR. ROB
live in concert
OPENING ACT
JOLENE SAMHAN
& BAND
26 JULY
8PM
QALA SQUARE
from Malta's shores to Australia's stage
inspiring millions across the globe through music...
FREE ENTRY
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
VisitMalta
Radju Leħen il-Qala
106.3 fm
QALA
LOCAL
COUNCIL